# Sillabu Storja Ġenerali

# Għall-Għaxar Sena

# (2018-2021)

**Dipartiment tal-Istorja fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**

# Daħla - Is-Sillabi tal-Istorja Ġenerali

## 1. Għanijiet Ġenerali

L-għanijiet ewlenin li għandhom jiggwidaw t-tħaddim ta' dan is-sillabu huma li l-istudenti:

- Ikunu konxji ta' x'inhi l-istorja u x'inhu l-iskop wara t-tagħlim ta' dan is-suġġett;
- Isiru konxji li l-istorja hi bbażata fuq tipi differenti ta' evidenza bħal fdalijiet arkeoloġiċi, dokumenti, manuskritti, mapep, ittri eċċ.
- Isiru iżjed konxji mill-wirt storiku f'pajjiżna biex b'hekk japprezzaw iżjed il-bżonn tal-konservazzjoni u r-restawr;
- Janalizzaw dak li seħħ fl-imgħoddi, biex jifhmu l-implikazzjonijiet tal-preżent u jiffurmaw aspirazzjonijiet għall-ġejjieni;
- Jiksbu ħiliet partikolari marbutin mat-tagħlim tal-istorja, bħal ġbir ta' informazzjoni minn sorsi u l-interpretazzjoni tagħhom, janalizzaw it-tibdil u l-kontinwità matul iż-żminijiet u l-kawżi u l-effetti ta' ġrajjiet fl-istorja, josservaw u jaslu għall-konklużjonijiet, jimmaġinaw lilhom infushom jgħixu fi żmien partikolari fl-imgħoddi (empatija) u jiżviluppaw ideja ċara ta' kronoloġija u sekwenza fl-istorja;
- Jitgħallmu sa fejn hu possibbli permezz ta' esperjenza diretta fi żjarat f'siti storiċi biex b'hekk it-tagħlim ikun iżjed stimulanti u jibqgħu jiftakru aktar;
- Isiru konxji li t-tagħlim tal-istorja mhuwiex biss tagħlim akkademiku, iżda mezz biex l-istudenti jwessgħu l-kultura tagħhom;
- Jagħrfu li bħalma s-soċjetà inbidlet matul iż-żminijiet u għadha tinbidel, huma għandhom jakkwistaw it-tħejjija meħtieġa biex jaddattaw ruħhom għall-bidliet tal-ġejjieni;
- Jistudjaw l-istorja ta' Malta f'kuntest iżjed wiesgħa li jinkludi l-isfond Mediterranju u Ewropew.

## 2. Kunċetti u Ħiliet li għandhom ikunu żviluppati

- **Iż-Żmien u l-Kronoloġija.** L-istudenti għandhom iqiegħdu l-ġrajjiet storiċi fil-perspettiva taż-żmien. Għalhekk għandhom jikkalkolaw kemm damu diversi ġrajjiet u jikkonsidraw is-sekwenza tagħhom. B'hekk jifhmu aħjar xi jfissru d-dati u jkollhom stampa iżjed ċara ta' kif żvolġew il-ġrajjiet.
- **Bidla u Kontinwità.** L-istudenti għandhom jifhmu t-tibdiliet li għadda minnhom il-bniedem matul iż-żmien. Billi jifhmu l-aspetti varji ta' differenza u similitarità li għadda minnhom il-bniedem fil-ġrajjiet u f'dak kollu li rnexxielu joħloq.
- **Kawżi u Konsegwenzi.** L-istorja hi ġrajjiet il-bniedem. Għalhekk l-istudenti għandhom jifhmu sewwa x'kienu l-kawżi jew il-motivi għala l-ġrajjiet seħħew u x'kienu l-effetti immedjati u mbiegħda tagħhom. B'hekk ikunu jistgħu janalizzaw u jevalwaw aħjar it-tagħrif li jkunu qegħdin jieħdu.
- **Empatija.** Meta jempatizzaw, l-istudenti jkunu qegħdin jaħsbu bil-moħħ ta' persuna li kienet tgħix fil-passat. F'eżerċizzju bħal dan l-istudenti jakkwistaw il-ħiliet biex jifhmu iżjed l-istorja. B'hekk jifhmu aħjar kemm ir-reazzjonijiet u l-attitudnijiet tal-bnedmin li kienu jgħixu fi żminijiet differenti u jqabbluhom ma' dawk tal-preżent.

- **L-użu tas-sorsi.** L-użu tas-sorsi primarji u sekondarji għandu jagħmel it-tagħlim tal-istorja iżjed motivat u effettiv. L-istudenti jkunu jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet billi jippruvaw jinferixxu jew jipotizzaw x'dawl jagħtu s-sorsi fuq il-ħajja fl-imgħoddi. L-istudenti jippruvaw jisiltu fatti, opinjonijiet, konklużjonijiet u ġeneralizazzjonijiet mis-sorsi minnflok jingħataw biss it-tagħrif meħtieġ.

**3. It-Tħaddim ta' dan is-sillabu**

Għalhekk matul it-tħaddim ta' dan is-sillabu, għandha tingħata importanza kontinwa:

- Lill-kunċetti storiċi u l-ħiliet li għandhom ikunu żviluppati fl-istudenti;
- Li t-temi mill-istorja ta' Malta jsiru fl-isfond iżjed wiesgħa li jinkludi dak Mediterranju u Ewropew;
- Li l-użu tas-sorsi li jagħmlu t-tagħlim iżjed relevanti u interessanti;
- Għall-apprezzament ikbar mill-istudenti tal-importanza tas-siti storiċi u l-bżonn tal-konservazzjoni u r-restawr.

**4. Strateġiji ta' tagħlim**

L-għalliema għandhom jippreżentaw il-lezzjonijiet b'mod stimulanti u interessanti biex l-istudenti jifhmu aħjar il-kunċetti li jkunu qed jiġu spjegati. Jeħtieġ ukoll li fix-xogħol li jingħata lill-istudenti, jinżamm bilanċ bejn il-komponenti differenti, li huma:

- It-Tagħrif (*Recall of Knowledge)*
- Il-Fehma (*Understanding of Knowledge)*
- Il-Ħiliet, l-Attitudnijiet u l-Kompetenzi (Skills, Attitudes, Competences)

Biex dawn l-għanijiet ikunu jistgħu jintlaħqu, l-għalliema jistgħu jużaw metodoloġija differenti bħal: diskussjoni fil-klassi, *role plays* u drama, *brainstorming,* materjal awdjo-viżiv, intervisti, logħob u dokumenti simulati, kitba ta' rapporti, xogħol ta' arti u *craft*, mudelli, proġetti u żjarat edukattivi. Id-diskussjoni fil-klassi jew fi gruppi għandha tingħata l-importanza li jixirqilha. B'hekk, din tkun qed tgħin biex permezz tal-istorja, l-istudenti jiżviluppaw ħiliet trasferibbli meħtieġa fit-tagħlim tul il-ħajja.

Ix-xogħol li għandu jingħata lill-istudenti għandu jkun stimulanti u interessanti u jinkludi xogħol ta' riċerka ħafifa minn sorsi sekondarji dwar xi tema marbuta mas-sillabu. Varjetà ta' sorsi bħal illustrazzjonijiet, stampi, ritratti, mapep, *posters*, *charts*, *time-lines,* u tabelli oħra jistgħu jintużaw b'mod stampat jew diġitali permezz tal-IWB. Dan iżid il-possibilità għall-għalliema biex jaddottaw sistema ta' assessjar formattiv.

**5. Objettivi għall-assessjar**

l-assessjar għandu jevalwa kemm l-istudenti kapaċi:

- Jesprimu fatti storiċi b'forma narrattiva u kreattivi;
- Jagħtu tagħrif bażiku fuq l-istorja u jiżviluppaw kunċetti u ħiliet marbuta magħha;
- Iħarsu lejn il-ġrajjiet minn għajnejn ta' nies li għexu fil-passat (empatija u perspettiva storika);
- Jwieġbu mistoqsijiet marbuta ma' sorsi b'mod konċiż, dirett u relevanti.

# L-Għaxar Sena - Is-Sillabu fil-Qosor (2018-2021)

Lezzjonijiet

| | | |
|---|---|---|
| | **10.1 Il-mixja lejn stat independenti** | 5 lezzjonijiet |
| 10.1.1 | Il-bidu tal-ħakma Ingliża u l-aspirazzjonijiet politiċi tal-Maltin matul is-seklu 19 | 2 |
| 10.1.2 | Is-*Sette Giugno*: kawżi u effetti | 1 |
| 10.1.3 | Il-mixja lejn il-Gvern Responsabbli, l-Indipendenza u r-Repubblika | 2 |

| | | |
|---|---|---|
| | **10.2 Id-difiża u wirt ieħor ta' Żmien il-Ħakma Ingliża f'Malta** | 5 lezzjonijiet |
| 10.2.1 | Fortifikazzjonijiet eżistenti u oħrajn ġodda b'emfasi fuq il-Victoria Lines u l-Forti Rinella | 2 |
| 10.2.2 | It-tibdil fit-tagħmir tal-gwerra u l-effett ta' dan fuq id-difiża tal-gżejjer | 1 |
| 10.2.3 | Arkitettura ċivili b'influwenza Ingliża fil-Gżejjer Maltin | 1 |
| 10.2.4 | Ir-restawr u l-użu ta' dan il-wirt (militari u ċivili) illum | 1 |

| | | |
|---|---|---|
| | **10.3 Il-ħajja soċjali matul l-aħħar mitejn sena** | 6 lezzjonijiet |
| 10.3.1 | Żvilupp fl-edukazzjoni u l-Kwistjoni tal-Lingwa | 2 |
| 10.3.2 | Id-djar, l-istil ta' ħajja u d-divertiment | 2 |
| 10.3.3 | Id-dħul ta' mezzi ta' trasport pubbliku differenti matul is-seklu 19 u 20 | 2 |

| | | |
|---|---|---|
| | **10.4 L-iżvilupp demografika u ekonomiku f'Malta fl-aħħar mitejn sena** | 6 lezzjonijiet |
| 10.4.1 | Żieda fil-popolazzjoni u subborgi, bliet u rħula ġodda | 2 |
| 10.4.2 | L-emigrazzjoni fis-sekli 19 u 20: kawżi u konsegwenzi | 2 |
| 10.4.3 | Il-tkabbir tat-tarzna u l-importanza tagħha | 1 |
| 10.4.4 | Il-bidla minn ekonomija ta' fortizza għal ekonomija ġdida wara t-Tieni Gwerra Dinjija | 1 |

| | | |
|---|---|---|
| | **10.5 It-Tieni Gwerra Dinjija** | 5 lezzjonijiet |
| 10.5.1 | Il-kawżi tal-gwerra | 2 |
| 10.5.2 | Il-qagħda tal-Maltin matul u fl-ewwel snin wara t-tmiem tal-gwerra | 2 |
| 10.5.3 | Ir-rebħa tal-Alleati u l-konsegwenzi ta' wara l-gwerra | 1 |

Total tal-Lezzjonijiet 27

| **10.1 Il-mixja lejn stat independenti** | | |
|---|---|---|
| **Taqsimiet tat-Tema** | **Miri ta' Taghlim** | **Noti** |
| • Il-bidu tal-ħakma Ingliża u l-aspirazzjonijiet tal-Maltin matul is-seklu 19<br><br>**2 lezzjonijiet** | L-istudenti għandhom:<br><br>• jifhmu l-isfont ġenerali tal-aspirazzjonijiet politiċi Maltin qabel l-1921. | Referenza ħafifa għal dawn il-punti:<br><br>• it-tmexxija diretta mill-Gvernaturi Ingliżi (b'emfasi għall-Gvernatur Maitland);<br>• l-għotja tal-libertà tal-istampa fl-1839;<br>• il-kisba tad-dritt tal-vot fl-1849;<br>• il-format u l-irwol tal-Kunsill tal-Gvern Malti tal-1849. |
| • is-*Sette Giugno*: kawżi u effetti<br><br>**Lezzjoni waħda** | • jifhmu x'wassal għall-ġrajjiet tas-*Sette Giugno;*<br><br>• jifhmu x'ġara fil-ġranet tal-irvell;<br><br>• L-istudenti għandhom jifhmu li dan l-irvell kien immirat kontra l-Ingliżi u kontra dawk il-Maltin li kienu qegħdin igawdu magħhom (eż. negozjanti u importaturi tal-qamħ).<br><br>• jifhmu x'effett kellu dan l-irvell fuq l-istorja politika u kostituzzjonali | Ir-raġunijiet ewlenin li wasslu għal dan l-irvell huma:<br><br>• il-prezz tal-ħobż baqa' għoli wara t-tmiem tal-gwerra;<br>• qgħad kbir wara l-Ewwel Gwerra u s-sensji fit-tarzna;<br>• l-aspirazzjonijiet politiċii tal-Maltin ma kinux milqugħa mill-Ingliżi.<br>• differenzi kbar fil-pagi bejn impjegati Maltin u Ingliżi;<br>• żieda fit-taxxi (eż. taxxa tas-suċċessjoni);<br>• l-ewwel *strike* mit-*trade union* tat-tarzna (1917);<br>• l-influwenza tal-gazzetti;<br><br>Il-ġrajjiet ewlenin tas-7 u t-8 ta' Ġunju:<br><br>• Il-protesti li nbidlu f'irvell kontra t-tmexxija Ingliża;<br>• Il-laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali fil-Belt Valletta;<br>• l-isparar fuq il-folla u l-qtil ta' erba' rġiel Maltin;<br><br>L-effetti prinċipali ta' dawn il-ġrajjiet:<br><br>• id-dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza mill-Gvernatur;<br>• il-għotja ta' Gvern Responsabbli fl-1921 |

| | | |
|---|---|---|
| • Il-mixja lejn il-Gvern Responsabbli, l-Indipendenza u r-Repubblika<br><br>**2 lezzjonijiet** | • jifhmu xi drittijiet politiċi kisbu l-Maltin bil-Kostituzzjoni tal-1921 u tal-1947;<br>• jifhmu d-differenza bejn l-*Integration* u d-*Dominion Status* (l-Indipendenza*);*<br>• jifhmu għaliex Malta saret Repubblika | Bil-Kostituzzjoni tal-1921:<br>• il-Gvern Ingliż żamm f'idejh il-materji riservati (eż. id-difiża, l-armata, l-affarijiet barranin, l-immigrazzjoni u l-istampar tal-flus);<br>• l-affarijiet l-oħra kienu f'idejn il-Gvern Malti (eż. it-taxxi, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ġustizzja, l-industrija).<br>Bil-Kostituzzjoni tal-1947:<br>• l-irġiel u n-nisa kollha 'l fuq minn 21 sena setgħu jivvotaw;<br>• il-materji riservati baqgħu f'idejn il-Gvern Ingliż.<br>Il-punti ewlenin huma:<br>• bl-*Integration* Malta kienet issir parti integrali mir-Renju Unit u l-Maltin kienu jsiru ċittadini Ingliżi;<br>Il-kisba tal-Indipendenza fl-1964:<br>• bid-*Dominion Status* Malta kienet issir stat indipendenti u l-Maltin kienu jsiru ċittadini Maltin;<br>• Gvern elett mill-Maltin għall-Maltin;<br>• Malta issir Monarkija fil-*Commonwealth* Ingliż;<br>• il-Kap simboliku tal-istat issir ir-Reġina tar-Renju Unit rappreżentata f'Malta mill-Gvernatur Ġenerali;<br>Id-dikjarazzjoni tal-Repubblika fl-1974:<br>• ftehim fil-Parlament dwar li Malta ssir repubblika;<br>• President Malti elett mill-Parlament għal 5 snin sar il-Kap tal-Istat minflok ir-Reġina;<br>• din il-kostituzzjoni għadha sallum il-liġi suprema tal-pajjiż. |

| 10.2 Id-difiża ta' Malta u wirt ieħor ta' Żmien il-Ħakma Ingliża f'Malta | | |
|---|---|---|
| **Taqsimiet tat-Tema** | **Miri ta' Tagħlim** | **Noti** |
| • fortifikazzjonijiet eżistenti u oħrajn ġodda l-aktar fil-lvant u n-nofsinhar ta' Malta<br>• id-difiża fi-ċentru tal-gżira permezz tal-*Victoria Lines*<br>• Id-difiża tal-portijiet ewlenin, b'emfasi fuq il-Forti Rinella<br>**2 lezzjonijiet** | L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu kif l-Ingliżi komplew isaħħu d-difiżi ta' Żmien il-Kavallieri.<br>• ikollhom tagħrif dwar u jifhmu kif l-Ingliżi saħħew id-difiża fiċ-ċentru ta' Malta.<br>• ikollhom tagħrif dwar u jifhmu kif l-Ingliżi bnew fortifikazzjonijiet biex iħarsu l-Port il-Kbir u Marsamxett.<br>• ikollhom tagħrif dwar u jifhmu għaliex l-Ingliżi bnew fortifikazzjonijiet fil-lvant u fin-nofsinhar ta' Malta. | Il-punti ewlenin dwar it-tisħiħ tad-difiżi ta' Żmien l-Ordni:<br>• issir referenza għall-fortifikazzjonijiet ewlenin li bnew l-Ingliżi bl-għajnuna ta' mappa ta' Malta.<br>• issir referenza għall-bini ta' Forti Verdala fil-Linji ta' Santa Margerita, Forti Sant'Iermu u Forti San Luċjan.<br>Il-punti ewlenin huma:<br>• il-fatt li l-majjistral ta' Malta kien espost għal xi invażjoni mill-għadu, wassal għall-bini tal-*Victoria Lines;*<br>• il-bini tal-Fortizzi ta' Binġemma, tal-Mosta u tal-Madliena matul din il-linja.<br>Punti ewlenin dwar Il-bini ta' fortizzi ġodda biex iħarsu l-Port il-Kbir u Marsamxett:<br>• Fortizzi: Cambridge u Rinella,<br>• Batteriji: Tas-Sliema u Lascaris. |
| • Żvilupp f'armi u fil-metodi tal-gwerra<br>**Lezzjoni waħda** | • jifhmu l-effetti ta' dan l-iżvilupp. | Il-punti ewlenin huma:<br>• żvilipp fl-armamenti (eż. il-*machine gun*) u d-dħul ta' kanuni ikbar;<br>• L-invenzjoni tal-ajruplan<br>• Id-difiżi kontra l-attakki mill-ajru. |

| | | |
|---|---|---|
| • arkitettura ċivili b'influwenza Ingliża f'Malta<br><br>**lezzjoni wahda** | • jifhmu l-metodi li użaw l-Ingliżi biex jinfluwenzaw l-arkitettura f'Malta.<br><br>• ikollhom tagħrif dwar u jifhmu kif l-influwenza Ingliża fuq l-arkitettura Maltija bdiet tinħass l-aktar wara t-Tieni Gwerra. | Il-punti ewlenin:<br><br>• l-Ingliżi ħallew ftit bini ċivili u influwenza fuq l-arkitettura ċivili;<br>• sabu ħafna bini tal-Kavallieri u komplew jużawhom (eż. il-Palazz Maġisterjali u l-Bereġ);<br>• il-Maltin, influwenzati mill-Knisja Kattolika, baqgħu jippreferu l-kwalitajiet dekorattivi tal-Barokk;<br>• L-Ingliżi ppuvaw jintroduċu l-istil Neo-Klassiku u Neo-Gotiku; Neo-Klassiku: eż. il-Monument ta' Alexander Ball, l-Isptar Bighi, il-Katidral Anglikan fil-Belt Neo-Gotiku: eż. iċ-Ċimiterju tal-Addolorata, il-Kappelli Metodisti fil-Floriana u tat-Trinità Mqaddsa f'Tas-Sliema.<br><br>Kif l-Ingliżi ippruvaw jinfluwenzaw l-arkitettura f'Malta:<br><br>• daħħlu liġijiet ġodda dwar il-bini (ventilazzjoni u dawl aħjar, il-*plot* rettangolari bi ġnien fuq wara), vilel mibnija minn residenti Ingliżi (eż. Triq it-Torri f'Tas-Sliema);<br>• il-bini ta' vilel bil-ġnien fuq quddiem u maqtugħin għalihom (*detached/semi-detached*) u *promenades* mal-kosta.<br><br>Il-punti ewlenin huma;<br><br>• Eżempji ta' influwenza Ingliża fl-arkitettura Maltija: ir-Rotunda tal-Mosta, il-bini tal-Qorti fil-Belt, il-Knisja tal-Karmnu fil-Balluta, il-Knisja ta' Lourdes fl-Imġarr, Għawdex. |
| • l-istat ta' dawn il-fortifikazzjonijiet illum<br><br>**Lezzjoni waħda** | • jifhmu x'inhi l- kundizzjoni ġenerali ta' dan il-wirt u x'jista' jsir biex dan jiġi mħares aħjar;<br><br>• jifhmu x'tibdil sar fl-arkitettura ċivili f'Malta matul il-ħakma Ingliża. | Il-punti ewlenin huma:<br><br>• l-importanza ta' dan il-wirt illum;<br>• l-istat b'mod ġenerali ta' dawn id-difiżi;<br>• kif dan il-wirt jista' jiġi mħares u restawrat. |

| 10.3. Il-ħajja soċjali matul l-aħħar mitejn sena | | |
|---|---|---|
| **Taqsimiet tat-Tema** | **Miri ta' Tagħlim** | **Noti** |
| • L-edukazzjoni u l-Kwistjoni tal-Lingwa<br>**2 lezzjonijiet** | L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu l-progress li sar fl-edukazzjoni matul iż-żmien;<br>• jifhmu x'kienet il-Kwistjoni tal-Lingwa u għaliex din kellha effett fuq it-tagħlim fl-iskejjel. | Il-punti prinċipali huma:<br>• X'qalet il-Kummissjoni Rjali ta' l-1836 dwar l-edukazzjoni;<br>• ir-Rapport ta' Keenan dwar l-edukazzjoni;<br>• l-effett tal-Kwistjoni tal-Lingwa fuq l-edukazzjoni;<br>• Il-Malti jsir l-ilsien uffiċjali mal-Ingliż minflok it-Taljan (1934);<br>• l-edukazzjoni obbligatorja wara t-Tieni Gwerra;<br>• l-iskola sekondarja għal kulħadd wara l-1970. |
| • Id-djar, l-istil ta' ħajja u d-divertiment<br>**2 lezzjonijiet**<br>.<br>. | • jifhmu l-problemi assoċjati mad-djar;<br>• ikunu konxji tat-tibdiliet fl-istil tal-ħajja tal-poplu matul iż-żmien.<br>.<br>• ikunu konxji dwar il-mezzi tad-divertiment ta' dak iż-żmien. | Il-punti prinċipali huma:<br>• Il-qagħda sanitarja ħażina bl-ibliet u fl-irħula;<br>• Ir-rikostruzzjoni ta' djar li waqgħu fit-Tieni Gwerra;<br>• Il-bini ta' *housing esta*tes f'diversi lokalitajiet.<br>Il-punti prinċipali huma:<br>• is-sempliċità tal-ħajja qabel it-Tieni Gwerra;<br>• differenzi bejn il-ħajja tal-Maltin tal-ibliet u tal-irħula;<br>• l-influwenza tas-Servizzi Ingliżi f'Malta, tal-*media*, tal-emigrazzjoni u tat-turiżmu.<br>Għandha ssir referenza qasira dwar:<br>• il-festa tar-raħal;<br>• it-tiġrijiet taż-żwiemel;<br>• l-Imnarja;<br>• il-wirjiet agrikoli;<br>• l-għana;<br>• il-Karnival;<br>• ıl-każini u l-baned;<br>• il-ħwienet tal-inbid fl-irħula.<br>• il-bidu tal-isports (eż. futbol, *waterpolo*) |
| • il-mezzi ta' trasport pubbliku<br>**2 lezzjonijiet** | • jifhmu d-diffikultajiet li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom il-Maltin biex jivvjaġġaw minn lokalità għal oħra f'Malta stess.<br>• ikollhom tagħrif dwar il-mezzi differenti tat-trasport li daħlu f'Malta matul iż-żmien; | Il-mezzi tat-trasport prinċipali li għandhom ikunu jafu dwarhom (mingħajr ħafna dettalji żejda) huma:<br>• ıl-kaless;<br>• l-omnibus;<br>• it-trejn;<br>• it-tram;<br>• il-laneċ fil-portijiet;<br>• il-karozzi tal-linja<br>• it-trasport bejn Malta u Għawdex. |

| 10.4 L-iżvilupp demografiku u ekonomiku f'Malta fl-aħħar mitejn sena | | |
|---|---|---|
| **Taqsimiet tat-Tema** | **Miri tat-Tagħlimlim** | **Noti** |
| • żieda fil-popolazzjoni u żvilupp ta' subborgi, bliet u rħula<br><br>**2 lezzjonijiet** | L-istudenti għandu:<br>• ikollhom tagħrif kif u jifhmu għala l-popolazzjoni f'Malta żdiedet tant fl-aħħar mitejn sena.<br><br>• jifhmu d-diffikultajiet ewlenin li nqalgħu minħabba żieda kbira fil-popolazzjoni.<br><br>• jifhmu kif iż-żieda fil-popolazzjoni u fin-numru tad-djar effettwat l-iżvilupp tas-subborgi, tal-ibliet u tal-irħula. | Il-punti ewlenin għandhom ikunu:<br>• xi tfisser 'demografija';<br>• għaliex u kif il-popolazzjoni ta' Malta bdiet tiżdied; b'mod iktar mgħaġġel fis-seklu 19<br>• l-effett tal-mard fuq il-popolazzjoni (eż. il-pesta, il-kolera u l-ġidri);<br>• X'kien il-*boom* fit-twelid tat-trabi wara t-Tieni Gwerra?<br><br>Il-punti ewlenin huma:<br>• in-nuqqas ta' xogħol;<br>• il-faqar li l-poplu kellu jħabbat wiċċu miegħu.<br><br>Il-punti prinċipali huma:<br>• iż-żieda fil-popolazzjoni tal-Belt Valletta wasslet għall-iżvilupp tas-subborgi tal-Ħamrun, l-Imsida u Tas-Sliema;<br>• it-tkabbir tat-tarzna wassal għall-iżvilupp tas-subborg tal-Marsa u ta' Raħal il-Ġdid;<br>• it-tkabbir fil-firxa ta' diversi rħula (eż. Birkirkara, Qormi, eċċ.) |
| • l-emigrazzjoni fis-sekli 19 u 20: kawżi u konsegwenzi<br><br>**2 lezzjonijiet** | • jifhmu kif l-emigrazzjoni kienet miżura intiża biex tnaqqas il-problemi kbar li ġabet magħha ż-żieda fil-popolazzjoni (eż. il-qgħad, il-faqar). | Il-punti prinċipali huma:<br>• l-emigrazzjoni bħala rimedju għall-qgħad;<br>• għaliex l-emigrazzjoni fis-seklu 19 kienet lejn pajjiżi fil-qrib;<br>• għaliex l-emigrazzjoni wara t-Tieni Gwerra kienet l-aktar lejn l-Istati Uniti, il-Kanada, l-Awstralja u r-Renju Unit;<br>• iż-żieda kbira fl-emigrazzjoni wara t-Tieni Gwerra;<br>• l-effetti tal-emigrazzjoni fuq Malta (eż. nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa, it-tagħlim għall-adulti, effett fuq il-familji, eċċ.). |
| • it-tkabbir tat-tarzna u l-importanza tagħha<br><br>**Lezzjoni waħda** | • jifhmu l-importanza tat-tarzna matul il-ħakma Ingliża, il-kontribut tagħha fi żmien ta' gwerra u l-iżvilupp kontinwu li sar fiha. | Għandha ssir referenza għal dawn il-punti prinċipali:<br>• l-iżvilupp tat-tarzna fix-Xatt ta' Bormla u *French Creek*;<br>• bini ta' baċiri ikbar;<br>• it-tarzna fis-snin tal-Ewwel u t-Tieni Gwerer Dinjija;<br>• il-kontribut tat-tarzna fiż-żewġ gwerer dinjija;<br>• il-bidla tat-tarzna minn waħda militari għal waħda kummerċjali. |
| • il-bidla minn ekonomija ta' fortizza għal ekonomika ġdida wara t-Tieni Gwerra Dinjija<br><br>**Lezzjoni waħda** | • jifhmu l-bidliet li kienu meħtieġa sabiex Malta timmodernizza l-ekonomija tagħha. | Il-punti prinċipali huma:<br>• l-impjiegi mas-Servizzi Ingliżi baqgħu importanti wara l-gwerra;<br>• żieda fil-qgħad wara l-gwerra u r-*rundowns* tas-Servizzi;<br>• referenza ħafifa għall-ewwel Pjani ta' Żvilupp (1959-1964) li sar bi tħejjija għal meta Malta ssir indipendenti;<br>• l-importanza tal-industriji tal-manifattura u tat-turiżmu fil-ħolqien ta' impjiegi ġodda. |

| 10.5 It-Tieni Gwerra Dinjija | | |
|---|---|---|
| **Taqsimiet tat-Tema** | **Miri ta' Taghlim** | **Noti** |
| • il-kawżi ta' din il-gwerra<br><br>**2 lezzjonijiet** | L-istudenti għandhom:<br>• ikunu jafu għaliex bdiet din il-gwerra;<br>• jifhmu għaliex Malta intlaqtet minn din il-gwerra. | Għandha ssir referenza għal xi wħud mir-raġunijiet prinċipali:<br>• il-ftehim impost fuq il-Ġermanja wara l-Ewwel Gwerra;<br>• l-ambizzjoni tad-dittaturi: Hitler u Mussolini;<br>• il-Lega tan-Nazzjonijiet falliet milli żżomm il-paċi;<br>• il-kawża immedjatat tal-gwerra: l-invażjoni tal-Polonja.<br>Il-punti prinċipali huma li jikkonċernaw lil Malta:<br>• il-pożizzjoni strateġika ta' Malta f'nofs il-Mediterran;<br>• Il-fatt li Malta kienet bażi navali Ingliża;<br>• i-fatt li Malta kienet qrib l-Italja. |
| • il-qagħda ta' Malta matul Il-gwerra u fl-ewwel snin ta' wara<br><br>• il-qagħda tal-Maltin fl-ewwel snin wara l-gwerra<br><br>**2 lezzjonijiet** | • jifhmu x'kienet tfisser din il-gwerra għal Malta u janalizżaw il-qagħda tal-Maltin matul din il-gwerra.<br>• jempatizzaw kif kienu jħossu ruħhom in-nies f'dak iż-żmien;<br>• jifhmu l-effetti li ħalliet il-gwerra fuq il-Maltin;<br>• jifhmu t-tibdil li sar fil-metalità tal-Maltin wara l-gwerra. | Il-punti prinċipali għandhom ikunu:<br>• il-ħbit mill-ajru u l-ħsara kbira fil-bini, l-aktar qrib il-portijiet;<br>• l-użu tax-xelters;<br>• il-ġuħ li sofrew il-Maltin tant li l-ikel kien jitqassam bir-razzjon;<br>• id-difiża ta' Malta mill-Ingliżi matul il-gwerra;<br>• il-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija;<br>• l-għotja tal *George Cross* għall-qlubija li wrew il-Maltin.<br>• ħafna djar imġarrfa u l-għajnuna mill-*War Damage*;<br>• ir-*rundowns* mit-tarzna u mis-Servizzi Ingliżi;<br>• L-għotja ta' Gvern Responsabbli mill-ġdid fl-1947;<br>• il-Maltin tħalltu mal-barrani u ddakkru mill-istil tal-ħajja u mill-kultura tagħhom. |
| • ir-rebħa tal-Allejati | • jifhmu għaliex l-Allejati rebħu din il-gwerra. | Għandha ssir referenza għal xi wħud mir-raġunijiet prinċipali:<br>• il-Ġermanja kellha tiġġieled fuq żewġ fronti;<br>• id-dħul tal-Istati Uniti fil-gwerra fuq in-naħa tal-Alleati;<br>• is-superiorità tal-Allejati fuq il-baħar u fl-ajru;<br>• Il-Qawwiet tal-Allejati (Gran Brittanja, Franza, Unjoni Sovjetika u l-Istati Uniti) flimkien kellhom iżjed nies, armi, flus, risorsi risorsi naturali, kapaċità industrijali u ħila xjentifika mill-Qawwiet tal-Assi (il-Ġermanja, l-Italja u l-Ġappun flimkien). |
| • l-effetti ta' din il-gwerra fuq l-Ewropa<br><br>**Lezzjoni waħda** | • jifhmu x'kienu l-effetti ta' din il-gwerra fuq l-Ewropa. | Għandha ssir referenza għal xi wħud mill-effetti prinċipali:<br>• ħafna mwiet u refuġjati;<br>• l-infrastruttura ta' bosta pajjiżi sfat imkissra;<br>• il-qasma politika tal-Ġermanja;<br>• l-Istati Uniti u l-Unjoni Sovjetika saru s-Superpotenzi l-ġodda;<br>• il-biża' li l-Kommuniżmu Sovjetiku seta' jinfirex fil-Punent;<br>• il-bidu tal-Gwerra l-Bierda; |

©Dipartiment tal-Istorja fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta’ Tagħlim u Assessjar (2018)